# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 40**

**Rikors numru 1761/2000/2 TA**

**Joseph Farrugia**

**v.**

**John Degiorgio u Francis Degiorgio**

1. Fil-31 ta' Awwissu 1998 l-attur kien ġie aggredit mill-konvenuti, b'konsegwenza ta' liema huwa sofra ferita f'għajnu x-xellugija li huwa jallega wasslet għal deterjorament fil-vista tiegħu. Skont l-attur minn wara l-inċident huwa beda jsofri b'mod frekwenti minn ugigħ ta' ras fit-tul u *blackouts* meta jiġi biex jagħmel xogħol ta' strapazz kif ukoll nuqqas ta' vista f'għajnejh, u għalhekk kellu jimpjega n-nies sabiex jagħmel ix-xogħol tiegħu. L-attur jattribwixxi dan kollu għall-aggressjoni kommessa mill-

konvenuti, u għalhekk intavola dawn il-proċeduri kontra tagħhom sabiex jiġu kkundannati jħallsu d-danni sofferti minnu skont kif dawn jiġu likwidati mill-Qorti.

2. F'dawn il-proċeduri huwa talab għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "1. tiddeciedi u tiddikjara l-konvenuti jew min minnhom unikament responsabbli tal-ferita li l-attur garrab f'ghajnejh ix-xellugija; u
>
> 2. tillikwida d-danni rizultanti direttament u/jew indirettament minn din il-ferita li garrab l-attur bhala konsegwenza tal-imsemmi incident;
>
> 3. tikkundanna l-konvenuti jew min minnhom, ihallsu lill-attur dik is-somma hekk likwidata;
>
> Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali f'Jannar 2000, kontra l-konvenuti illi minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni."

3. Il-konvenuti eċċepew li t-talbiet tal-attur huma nfondati għaliex mhuwiex minnu li aggredew lill-attur iżda kienu qegħdin sempliċiment jiddefendu rwieħhom kontra l-aggressjoni da parti tal-attur stess, u li ma kkawżaw l-ebda diżabilita` permanenti u għalhekk m'għandhomx jirrispondu għad-danni.

4. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-7 ta' Lulju 2017 ġie deċiż hekk:

> "28. Ghaldaqstant in vista tas-suespost, din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza kif ser jinghad:-
> Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghall-hsara li garrab l-attur f'ghajnejh ix-xellugija;
> Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont sebghat elef u tmenin Ewro (€7,080);

> Tikkundanna lill-konvenuti, solidalment bejniethom, ihallsu l-ammont hekk likwidat lill-attur, bl-imghaxijiet legali mit-30 ta' Gunju 2009 sal-pagament effettiv.
> L-ispejjes tal-kawza jithallsu kwantu ghall-kwart (1/4) mill-attur u kwantu ghal tlett kwarti (3 /4) mill-konvenuti solidalment bejniethom."

5. Il-konvenuti ppreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fit-13 ta' Lulju 2017 permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata u tirrimanda l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi dwar ir-rikors tat-3 ta' Marzu 2004 u għall-prosegwiment tal-kawża, jew alternattivament tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur, jew tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza li titratta l-imgħax u tiddeċiedi minflok li l-imgħax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

6. L-attur ippreżenta r-risposta tal-appell tiegħu fit-3 ta' Awwissu 2017 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell tal-konvenuti u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-appellanti b'mod solidali.

**Ikkonsidrat;**

**L-Ewwel Aggravju**

7. Permezz tal-ewwel aggravju l-konvenuti appellanti jilmentaw li l-Ewwel Qorti naqset milli tipprovdi dwar ir-rikors għall-isfilz tar-relazzjoni

tal-ewwel espert mediku Dr. Anthony Galea Debono li kien ġie ppreżentat fit-3 ta' Marzu 2004. Jargumentaw li jirriżulta li Dr. Anthony Galea Debono kien taħt l-impressjoni li kien qiegħed jaġixxi bħala espert *ex parte* għall-attur appellat, tant li ħareġ il-kont hu direttament u dan tħallas mill-attur qabel ma ġie ppreżentat quddiem il-Qorti u ntaxxat. Jgħidu li l-liġi tagħmel distinzjoni bejn espert *ex parte* u espert nominat mill-Qorti minħabba kwistjonijiet ta' indipendenza u mparzjalita` tal-espert u għalhekk huma kienu ppreżentaw rikors quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jiġi sfilzat ir-rapport ta' Dr. Anthony Galea Debono. Skont l-appellanti dan ir-rikors sfuġġa lill-Ewwel Qorti peress li wara l-ordni tan-notifika lill-kontro-parti baqa' ma ġiex degretat. Jargumentaw li peress li l-Ewwel Qorti straħet fuq ir-rapport ta' dan l-espert u mhux tal-periti addizzjonali allura dan ir-rapport żgur li nfluwenza lill-Ewwel Qorti biex tasal għal-likwidazzjoni tad-danni magħmula minnha, u dan minkejja li m'użatx il-perċentwali ta' diżabilita` permanenti stabbilit fl-istess rapport.

8. L-appellat iwieġeb li minn imkien mill-atti ma jirriżulta li Dr. Anthony Galea Debono kien taħt l-impressjoni li kien qed jaġixxi bħala espert *ex parte.* Jargumenta li wara li l-appellanti kienu ġew ordnati jinnotifikawh sar tentattiv ta' notifika wieħed li kien negattiv u l-appellanti qatt ma reġgħu ħarġu notifika oħra b'mod li huwa baqa' mhux notifikat b'dan id-digriet. Jgħidu li għalhekk jirriżulta li kienu l-appellanti nfushom li naqsu milli jsegwu r-rikors tagħhom. Iżidu li fi kwalunke każ kienu nħatru periti

perizjuri u mis-sentenza appellata jirriżulta ċar li l-Ewwel Qorti ma kinitx qed tistrieħ fuq ir-rapport ta' Dr. Anthony Galea Debono u għalhekk il-kwistjoni li l-Ewwel Qorti ma provditx dwar ir-rikors in kwistjoni għandha titqies bħala sorvolata peress li l-kontenut tar-rapport imsemmi bl-ebda mod ma jinċidi fuq dak deċiż mill-Ewwel Qorti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Il-Qorti tibda billi tirrileva li għalkemm huwa minnu li l-Ewwel Qorti ma provditx dwar ir-rikors tal-konvenuti appellati tat-3 ta' Marzu 2004 mill-atti jirriżulta manifestament li dan kien biss konsegwenza ta' nuqqas attribwibbli lill-konvenuti stess. Permezz ta' digriet tal-10 ta' Marzu 2004 l-konvenuti kienu ġew ordnati jinnotifikaw dan ir-rikors lill-attur u l-Ewwel Qorti kienet irriżervat li tipprovdi dwaru iżjed 'il quddiem. Dan ir-rikors baqa' qatt ma ġie nnotifikat lill-attur peress li sar biss tentattiv ta' notifika wieħed, li l-eżitu tiegħu kien negattiv. Apparti dan it-tentattiv il-konvenuti qatt ma reġgħu ppruvaw jinnotifikaw lill-attur b'dan ir-rikors, imqar billi jgħaddu kopju tiegħu lill-attur waqt l-udjenzi tal-Qorti fejn jirriżulta mill-verbali li l-attur kien ikun preżenti flimkien mal-avukat tiegħu. Inoltre, il-konvenuti fl-ebda stadju ma ġibdu l-attenzjoni tal-Qorti għal dan ir-rikors u minflok għaddew sabiex talbu l-ħatra ta' periti perizjuri, talba din li hija konfliġġenti mat-talba għall-isfilz tal-relazzjoni tal-perit mediku u fil-fehma ta' din il-Qorti neċessarjament timplika rinunzja taċita għall-istess talba.

Dan ikkonsidrat li kieku l-Ewwel Qorti għaddiet biex tilqa' t-talba tal-konvenuti għall-isfilz tar-relazzjoni tal-espert mediku, *semmai* kien ikun hemm il-ħtieġa li jinħatar espert mediku ieħor, u mhux periti perizjuri.

10. Inoltre, għalkemm l-appellanti jsostnu li mill-atti jirriżulta li Dr. Anthony Galea Debono kien taħt l-impressjoni li kien qiegħed jaġixxi bħala espert *ex parte*, dan huwa kontradett mir-relazzjoni tal-istess Dr. Galea Debono li tibda proprju bil-kliem "Fuq nomina tal-Onorabbli Qorti, l-esponenti eżamina lil Joseph Farrugia..." (*fol.* 52). Il-fatt li l-istess espert għadda r-rapport lill-attur u ħareġ kont lilu allura jidher aktar li hu frott tan-nuqqas ta' għarfien tal-espert dwar il-proċedura tal-Qorti għas-sottomissjoni u ntaxxar tar-rapport, milli frott ta' impressjoni ħażina min-naħa tiegħu li kien qiegħed jaġixxi bħala espert *ex parte* għall-attur.

11. Fi kwalunke każ, il-Qorti tqis li minn qari tas-sentenza appellata huwa ċar li l-argument tal-appellanti li l-Qorti straħet fuq ir-relazzjoni tal-espert mediku Dr. Anthony Galea Debono hija kompletament kontradetta mill-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Għalkemm huwa minnu li l-Ewwel Qorti akkordat ammont ta' danni *lucrum cessans* lill-attur minkejja li l-Periti Perizjuri kkonkludew li l-attur ma jsofri minn ebda diżabilita` permanenti kkawżata mill-inċidenti mertu ta' dawn il-proċeduri, huwa ċar li dan m'għamlitux in vista tar-relazzjoni ta' Dr. Galea Debono iżda biss in vista tar-rapport u x-xhieda

tal-perit perizjuri Dr. Albert M Bezzina li spjega li għalkemm huwa ma kkonstata l-ebda difett funzjonali fil-vista tal-għajn midruba, ma jeskludix li l-attur jista' jiżviluppa katarretta qabel iż-żmien jew li jkollu problemi fir-retina. Il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward huma ċari u ma jħallu l-ebda dubju li kien biss fid-dawl tar-relazzjoni u xhieda ta' Dr. Bezzina li ddeċidiet li takkorda danni lill-attur. Għalhekk il-Qorti tqis li mhuwiex il-każ li s-sentenza appellata tiġi annullata ġaladarba ma jirriżultax li l-appellanti sofrew xi preġudizzju rrimedjabbli kif qed isostnu.

12. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**It-Tieni, Tielet u Raba' Aggravju**

13. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti jargumentaw li l-Qorti ma tistax mingħajr ebda raġuni oġġettiva tiskarta totalment rapport ta' esperti tekniċi. L-atturi jilmentaw li huwa ċar li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li takkorda kumpens lill-attur għaliex tħassritu, iżda skont il-liġi u l-ġurisprudenza l-vittma ma jistax jingħata vantaġġ u għandu biss jitqiegħed fil-pożizzjoni li kien fiha qabel l-inċident. Isostnu li għalhekk, ġaladarba ġie stabbilit li m'hemm l-ebda diżabilita`, l-attur appellat ser ikun ħa vantaġġ miċ-ċirkostanzi jekk jiġi akkordat xi kumpens. Jargumentaw li minn imkien mill-atti ma jirriżulta li huwa ġie affetwat b'mod negattiv fil-ħajja lavorattiva tiegħu u l-Ewwel Qorti ma setgħetx takkorda kumpens mingħajr din il-

prova. Iżidu li fil-kamp ċivili s-sempliċi possibilita` ta’ avveniment futur mhijiex biżżejjed biex il-Qorti takkorda kumpens lill-vittma.

14. L-appellat iwieġeb li mis-sentenza appellata jirriżulta li l-Ewwel Qorti tat piż sostanzjali għal dak konkluż mill-periti perizjuri tant li għaddiet biex tiskarta l-perċentwali ta’ 7% diżabilita` proposta mill-Perit Tekniku Dr. Anthony Galea Debono, u għaddiet biex tiskarta l-uġiegħ ta’ ras li baqa’ jsofri minnhom l-appellat peress li mir-relazzjoni tal-periti perizjuri rriżulta li dawn ma setgħux jiġu attribwiti neċessarjament għall-inċident in kwistjoni. Jargumenta li kien fuq is-saħħa tad-dannu u riskju realistiku ndikat mill-espert Dr. Albert Bezzina li l-Ewwel Qorti għaddiet biex tillikwida kumpens *arbitrio boni viri* taħt il-kappa ta’ kumpens għal danni futuri li huwa jista’ jsofri. Jgħid li fi kwalunke każ lanqas huwa minnu li huwa ma sofra ebda danni permanenti peress li Dr. Albert Bezzina kkonstata li l-fond tal-għajn juri difett li huwa konsistenti ma’ daqqa sostanzjali fuq l-għajn ix-xellugija, filwaqt li kkonferma wkoll is-sensazzjoni ta’ beraq li baqa’ jsofri minnha l-appellat.

15. Permezz tat-tielet aggravju l-konvenuti jilmentaw illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex tistrieħ fuq id-dokumenti a *fol.* 22 sa 27 tal-proċess biex tillikwida danni, għaliex dawn id-dokumenti ma jagħmlux prova tal-kontenut tagħhom peress li huma fotokopja u mhux konfermati skont il-liġi. Jargumentaw li l-appellat ma ressaq l-ebda prova dwar il-paga li kellu

u lanqas l-eta` tiegħu u għalhekk il-bażi tar-raġunament tal-Ewwel Qorti minħabba dawn id-dokumenti kien ukoll żbaljat.

16. L-appellat jargumenta li l-Ewwel Qorti waslet għal-likwidazzjoni ta' danni a bażi ta' dak li rriżultalha mill-provi u x-xhieda dwar danni effettivi u in vista ta' komplikazzjonijiet oħra li jista' jispiċċa jsofri minnhom. Jgħid li l-appellanti ma ressqu l-ebda prova biex b'xi mod jagħtu verżjoni differenti minn dik preżentata minnu u għalhekk l-Ewwel Qorti kienet ġustifikata meta straħet fuq il-provi li ppreżenta hu. Isostni li r-referenza għall-paga minima bħala bażi fuq liema tkun tista' ssir kwantifikazzjoni ta' danni tinsab konfermata fil-ġurisprudenza u għalhekk m'hemm l-ebda żball jew nuqqas fis-sentenza għaliex l-Ewwel Qorti wżat il-paga minima bħala bażi sabiex tillikwida t-telf ta' paga soffert minnu. Dwar il-*lucrum cessans* jgħid li l-Ewwel Qorti pruvat issib bilanċ ekwitattiv tenut kont tas-sitwazzjoni li sab ruħu fiha bil-kondizzjoni li baqa' u ser jibqa' jbati biha f'għajnejh.

17. Permezz tar-raba' aggravju l-appellanti jilmentaw li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tuża l-ekwita` wara li l-attur naqas milli jipprova l-każ tiegħu. Jargumentaw li l-Ewwel Qorti ma applikatx il-liġi dwar id-danni żviluppat fil-ġurisprudenza u minflok applikat dak li dehrilha bħala bażi ekwitattiva. Skont l-appellanti l-ekwita` f'dawn il-każijiet tista' tintuża biss sabiex Qorti li tkun moralment konvinta fuq numru ta' provi tagħmel tajjeb għal xi

nuqqas uniku u żgħir ta' prova li ma setgħetx tinġieb għall-għarfien tal-Qorti. Isostnu li l-ekwita` m'għandha qatt tintuża biex tagħmel tajjeb għall-karenza totali ta' provi, u jżidu li f'dan il-każ ġie konkluż li l-appellat ma jsofri minn l-ebda diżabilita` permanenti minħabba l-inċident in kwistjoni u li dan l-inċident m'affettwalux l-aspettattiva ta' xogħol tiegħu.

18. L-appellat iwieġeb li l-Ewwel Qorti kienet kawta fil-konsiderazzjonijiet tagħha u wriet biċ-ċar li evalwat fid-dettall jekk kellhiex id-diskrezzjoni li timxi bl-ekwita` jew le, u ħadet kont tal-possibilita` li jimmanifestaw danni aktar serji fil-futur, u l-fatt li effettivament huwa baqa' jsofri ħsara attwali billi baqa' jara l-beraq.

19. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fuq dan il-punt:

> "13. Kwantu jirrigwarda l-likwidazzjoni tal-lucrum cessans, din il-Qorti tirriskontra diffikultajiet, mhux biss bin-nuqqas ta' provi dokumentarji, bhal ma huma income tax returns jew xi xorta ta' kotba tal-kummerc, li jindikaw il-qliegh tal-attur, izda wkoll minhabba r-rapport tal-periti perizjuri li kkonkludew b'mod car li l-attur "kemm mill-aspett oftamalogiku kif ukoll mill-aspett newrologiku ... ... ma ghandu l-ebda sinjal ta' dizabilita` permanenti bhala konsegwenza tal-incident tal-31 1998." (a fol 105)
>
> 14. Minghajr dawn ix-xorta ta' provi, ma jkunx possibbli li jigi bl-applikazzjoni tal-principju tar-restitution ad integrum u cioe` li din il-Qorti tqieghed lill-attur fil-posizzjoni li kien qabel l-akkadut (PA fl-ismijiet Mario Camilleri-vs- Mario Borg et tat-8 ta' Mejju 1990 ). Ir-rapport tal-periti addizzjonali jirrifjuta ghal kollox il-konkluzjonijiet tal-espert mediku Dr. Anthony Galea Debono (a fol 57). F'dak ir-rapport l-espert ikkonkluda li l-attur kien qieghed isofri minn dizabilita` permanenti globali ta' 7%.

15. B'danakollu ma jfissirx li l-Qorti hija assolutament b'idejha marbuta u li fid-dawl tar-rapport tal-esperti addizzjonali ghandha tieqaf hemm. Qabel xejn, ir-rapporti l-aktar li jincidu fuq il-lucrum cessans u mhux fuq id-damnun emergens. Fil-fatt f'dan il-kaz, kemm l-ewwel rapport, u anke t-tieni wiehed, ma jqanqlu xejn dwar dan l-ahhar aspett.

16. Lanqas ma jfisser, li f'kaz ta' karenza ta' provi kwalunkwe dwar danni elenkati fl-artikolu 1045 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tkun dahlet f'gelu legali. Jekk il-Qorti thoss li c-cahda tad-danni ser tkun aktar ta' inikwa ghall-vittma milli ghal min ikun wettaq l-att doluz, il-Qorti ghandha dejjem taghti xi xorta ta' kumpens.

17. Il-gustizzja ekwittativa ma tippermettix li ma jinghatax rimedju lil min ikun issubixxa xi xorta ta' pregudizzju li ghalkemm ma jkun hemm prova processwali dwar dan, fil-kuxjenza l-Qorti thoss li mic-cirkostanzi kollha tal-kaz dan il-pregudizzju jesisti fir-rejalta`.

18. Ghalhekk ciononstante r-rapport ta' periti esperti, il-Qorti ma hiex marbuta b'mod ermetiku li ma taghmel xejn. Dan huwa principju li mhux biss insibuh f'sentenzi, bhal dik tal-Prim Awla fl-ismijiet Anthony Borg - vs- Henry Schembri et per Imhallef Joseph Azzopardi tal-10 ta' Ottubru 2011 izda anke f'artikolu 681 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (ara ukoll Giswarda Bugeja-vs- Emmanuel Muscat, Qorti tal-Appell, 23 ta' Gunju 1967.)

19. Ghalhekk il-Qorti thoss li fil-kaz odjern ghandha tapplika l-principju tal-gustizzja ekwittativa, ghalkemm din trid tinzamm fil-qafas ta' dak li jiddisponu l-artikoli 1135 u 1045 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta (Margaret Camilleri et -vs- The Cargo Handling Co Ltd deciza fit-13 ta' Ottubru, 2004). Dawn il-Qrati dejjem irritenew, li ma jistax ikun ddubitat li l-gudikant ghandu l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qliegh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwittativa. F'decizjoni li tinsab Vol. XXXV P. III p.615 tal-Kollezzjonijiet tad-Decizjonijiet ta' dawn il-Qrati, gie segwit l-insenjament tal-Qorti Taljana ta' Cassazzioni li "vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e' rimesso al Magistrato il-valutare 'ex aequo et bono' second i dettami della sua ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato". Ovvjament, il-likwidazzjoni ta' danni abbazi ta' dan il-principju, mhux facli li jkun ekwivalenti ghal-likwidazzjoni ta' danni ben stradati fuq provi processwali li jwasslu ghall-komputazzjoni matematika, li solitalment jirrikorru ghaliha dawn il-Qrati ai fini ta' kalkolu preciz fuq formuli zviluppati maz-zmien bis-sahha ta' sentenzi fuq il-materja.

20. Ghalhekk din il-Qorti abbazi tal-principju ta' gustizzja ekwittativa ser tillikwida d-danni arbitrio boni viri kif ser jinghad.

[...]

22. Bhala telf ta' qliegh futuri, l-Qorti taghmel differenza bejn l-ugiegh li kien ihoss f'rasu u l-problema oftalmika. L-esperti ghamluha cara li lugiegh tar-ras ma kienx relatat mal-incident. Di fatti Dr.Josanne Aquilina u Dr.Norbert Vella in eskussjoni (ara xhieda taghhom tal-15 ta' Jannar 2009 a fol 114) qalu precizament dan il-kliem "Min-naha tal-ugigh ta' ras huwa tat-tip tension type headache, li huwa lment komuni hafna, li huwa difficli hafna li wiehed jorbtu mal-incident illi fuqu mibni dan il-kaz." Ghalhekk dan l-ilment qed ikun skartat."

23. Kwantu l-kwistjoni oftalmika, l-esperti wkoll iddikjaraw li ma sabu ebda dannu permanenti. B'dana kollu, Dr. Albert M. Bezzina, ukoll in eskussjoni, fix-xhieda tieghu tal-15 ta' Jannar 2009 qal hekk dwar il-lampi li l-attur kien qieghed ikollu f'ghajnejh: "Jistghu jigu spjegati mill-fatt illi l-jelly li huwa trasparenti seta' inqala' kwazi totalment u kull moviment jista' jahbat mar-retina bhal loose object u dik tista' taghti sensazzjoni ta' dawn il-lampi, nghidulhom flashes ahna". Kompla jixhed li: "Iktar serja hija dik li l-gel, li huwa trasparenti, ahna qatt ma nistghu nkunu certi nqalax kollu". Aktar 'l quddiem ikompli jispjega, kif fil-futur dan l-incident jista' jikkontribwixxi biex ikun hemm ticrit fir-retina u li ghalkemm dan mhux probabbli, il-possibilta` hemm qeghdha.

24. Hadd ma ghandu jghix fil-bizgha li hemm il-possibilta` li fil-futur isofri minn xi debilita', li ghalkemm illum ma tesistix, b'konsegwenza taghha jistghu jizviluppaw problemi fil-futur.

25. Min jikkawza l-att doluz ihossu konfortat, li fil-mument li sehh l-att, il-vittma ma kellha xejn permanenti, izda nel frattemp il-vittma trid tghix dejjem taht l-aspettativa negattiva, li fil-futur tista' ssofri xi hsara b'konsegwenza ta' dak l-att doluz li jkun sehh snin qabel. Dan jinghad biss, meta jkunu l-esperti stess li ma jistghux jeskludu ghal kollox dwar x'jista' jigri fil-futur konness mal-att dannuz. Fil-kaz tal-ugiegh ta' ras tal-attur din l-eskluzjoni saret. Fil-kaz tad-dannu f'ghajnejh din l-eskluzjoni ma tistax issir.

26. Ghalhekk din il-Qorti, kwantu jirrigwarda l-hsara li sofra l-attur f'ghajnejh il-leminija, qeghda arbitrio boni viri tiffissa l-ammont ta' danni sofferti minnu , fis-somma ta' sitt elef ewro (€6,000). B'hekk l-ammont totali li qed jigi likwidat in linea ta' danni huwa dak ta' sebghat elef u tmenin Ewro (€7,080)."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

20. Fir-rigward tat-tieni u l-ħames aggravju l-Qorti tirrileva li wara li rat l-atti kollha tal-kawża ma taqbilx mal-Ewwel Qorti li hemm prova

proċesswali li l-appellat għandu jedd għal danni *lucrum cessans* skont il-liġi. Jibda biex jingħad li skont il-ġurisprudenza danni *lucrum cessans* jiġu akkordati biss fejn jiġi kkonstatat li l-vittma jkun sofra diżabilita` permanenti.[1] F'dan il-każ il-periti perizjuri kienu ċari fil-konklużjoni tagħhom li l-attur ma sofra l-ebda diżabilita` permanenti b'konsegwenza tal-inċident mertu ta' din il-kawża, u baqgħu fermi f'din il-konklużjoni anke fl-eskussjoni tagħhom.

21. Jidher li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-appellat għandu jiġi akkordat danni *lucrum cessans* in vista tar-relazzjoni u x-xhieda tal-perit perizjuri Dr. Albert Bezzina fis-sens li hemm riskju li l-attur isofri minn katarretti aktar kmieni min-normal jew li jsofri komplikazzjonijiet fir-retina. Il-Qorti tosserva pero` li mix-xhieda ta' Dr. Bezzina jirriżulta b'mod ċar li dan ir-riskju mhuwiex pruvat biżżejjed għall-finijiet tal-oneru tal-prova li jinkombi fuq l-attur f'kawżi ċivili. Dr. Bezzina qal *verbatim* li "hemm il-possibilita` u mhux il-probabilita` li jista' jkun hemm problemi fir-retina" u spjega li huwa indika din il-possibilita` fir-relazzjoni tiegħu għaliex "jiena nħoss għall-vittma li ġie aggredit...u ma nistax neskludi, għal għomru dejjem dan, illi qatt ma jista' jkollu komplikazzjoni tal-kawża tal-injury li kellu." Dwar din il-kwistjoni tal-possibilita` ta' tiċrit futur fir-retina Dr. Bezzina spjega li dan ikun il-każ għaliex fejn hemm iz-zona pigmentata kaġunata mill-inċident in kwistjoni li kkonstata fl-għajn jista' jkun li hemm *attachment* anormali

[1] Ara per eżempju: **Mario Spiteri et v. Frederick Cauchi** (PA, 10/10/2001).

tal-*gel* ma' dik iz-zona li fil-futur jista' jwassal għal tiċrit tar-retina. Il-Qorti tosserva illi l-espert ma' kienx f'pożizzjoni li jgħid jekk huwiex fil-fatt il-każ li hemm dan l-*attachment* anormali tal-*gel* jew le, li għalhekk ipoġġi lill-Qorti f'sitwazzjoni fejn dan ir-riskju potenzjali ta' komplikazzjoni ndikat mill-espert jibqa' esklussivament fil-kamp ipotetiku u spekulattiv u ma jilħaqx il-grad ta' probabilita` rikjest mil-liġi sabiex il-pretensjonijiet tal-attur jiġu milqugħa. Dan aktar u aktar meta l-istess espert ukoll xehed li "...nafu wkoll li r-retina diffiċli tiċċarrat għax hija forma ta' saldatura, imma ma tistax teskludi li ma tistax tiċċarrat..." u meta mistoqsi kemm jista' jagħmel xogħol illum l-attur in vista ta' dan ir-riskju wieġeb li "...fuq xejn ħlief spekulazzjoni klinika, ma nistax nitlob lill-vittma biex ibiddel ħajtu..."

22. Dwar ir-riskju li jiżviluppa katarretta l-espert spjega li peress li katarretta hija xi ħaġa komuni li primarjament tiġri minħabba l-eta`, aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar tonqos il-possibilita` li din il-katarretta tkun żviluppat minħabba l-inċident in kwistjoni u mhux minħabba l-eta`. Għalhekk il-Qorti tqis li anke f'dan ir-rigward m'hemmx biżżejjed provi li juru li fuq bilanċ ta' probabilitajiet l-attur ser isofri minn katarretta b'konsegwenza diretta tal-inċident in kwistjoni. Fir-rigward imbagħad tal-beraq li l-appellat jgħid li għadu jara u li huma prova tad-diżabilita` permanenti li sofra b'konsegwenza ta' dan l-inċident il-Qorti tosserva li mhux biss Dr. Bezzina preċiża li din hija kwistjoni ta' mera nkonvenjenza

u mhux diżabilita`, iżda anzi talli Dr. Bezzina ma kienx f'pożizzjoni li jikkonferma li l-attur qiegħed jara beraq minħabba l-inċident in kwistjoni.

23. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonsidrat li hemm biżżejjed provi sabiex l-attur jiġi akkordat kumpens *lucrum cessans*, u dan fuq bażi ekwitattiva. Skont il-liġi dan il-kumpens jingħata biss biex jagħmel tajjeb għat-tnaqqis fil-patrimonju tal-vittma u mhux biex jikkumpensah għall-inġustizzja li sofra minn taħt idejn l-appellanti kif tagħti l-impressjoni l-Ewwel Qorti. Għalkemm il-Qorti tifhem moralment il-pożizzjoni li ħadet l-Ewwel Qorti jibqa' fatt li l-poter tal-Qrati huwa ċirkoskritt għal dak li tiddisponi l-liġi u mhuwiex permess lilhom li jmorru oltre dan. Għalhekk il-Qorti tqis li t-tieni u l-ħames aggravju huma fondati u s-somma ta' €6,000 likwidata *arbitrio boni viri* mill-Ewwel Qorti qed tiġi revokata.

24. Dwar it-tielet aggravju l-Qorti tosserva li huwa minnu li l-appellat ftit li xejn preżenta provi sabiex jikkorrobora t-teżi tiegħu. Il-Qorti ma taqbilx mal-appellanti pero` li d-danni akkordati mill-Ewwel Qorti għaż-żmien meta l-appellat ma kienx qiegħed jaħdem waqt li kien qiegħed jirkupra minn dan l-inċident għandhom jiġu revokati għaliex il-provi prodotti mhumiex biżżejjed. Għalkemm huwa minnu li l-appellat ma pproduċiex it-tabib li ħariġlu ċ-ċertifikati mediċi sabiex ikun jista' jikkonfermahom bil-ġurament, dawn id-dokumenti jikkorroboraw ix-xhieda mogħtija minnu fl-

affidavit li kien għamel żmien ma jaħdimx minħabba l-grieħi f'idejh u f'għajnejh li sofra, liema xhieda ma ġietx kontradetta u saħansitra l-appellanti lanqas biss għamlu kontro-eżami tal-appellat. Inoltre l-Qorti tosserva li fix-xhieda tiegħu Dr. Albert Bezzina spjega li kieku kien hu t-tabib kuranti tal-appellat meta seħħ l-inċident kien jissuġġerilu żmien ta' rkupru ta' xahrejn jew tlieta sakemm titlaq l-emoraġija li kellu fil-*choroid* t'għajnu. Dan ikompli jikkorrobora t-teżi tal-appellat dwar iż-żmien li għamel barra mix-xogħol. Fir-rigward tan-nuqqas min-naħa tal-appellat li jressaq prova dwar l-introjtu tiegħu l-Qorti tosserva li l-Ewwel Qorti llikwidat id-danni a bażi tal-paga minima fiż-żmien meta seħħ l-inċident, li fil-fehma tal-Qorti hija likwidazzjoni ġusta fiċ-ċirkostanzi. Għaldaqstant il-Qorti tqis li m'hemmx lok li d-danni akkordati mill-Ewwel Qorti għad-disa' ġimgħat li l-appellat għamel ma jaħdimx sakemm kien qiegħed jirkupra mill-inċident in kwistjoni jiġu revokati u għalhekk it-tielet aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**Il-Ħames Aggravju**

25. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti jargumentaw li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ordnat li l-imgħax għandu jiddekorri mit-30 ta' Ġunju 2009. Jgħidu li fi proċeduri fejn id-danni għad iridu jiġu likwidati l-kontendenti ma jkunux jafu x'inhu l-ammont mitlub u għalhekk il-konvenuti ma jkunux f'qagħda li jikkawtelaw il-pożizzjoni tagħhom u

għalhekk l-Ewwel Qorti kellha tordna li l-imgħax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza. Iżidu li ma jistgħux jifhmu kif l-Ewwel Qorti ordnat li l-imgħax jibda jiddekorri mit-30 ta' Ġunju 2009 għaliex din id-data m'għandha l-ebda sinifikat għall-għanijiet ta' komputazzjoni ta' imgħax.

26. L-appellat iwieġeb li l-azzjoni tal-appellanti li waslet għad-danni sofferti minnu seħħet fil-31 ta' Awwissu 1998, u minkejja dan l-Ewwel Qorti ma kkonsidratx li kellha tordna li l-imgħaxijiet jiddekorru minn dik id-data iżda mit-30 ta' Ġunju 2009 u ċioe` meta ġew kristallizzati l-konklużjonijiet tal-petiti perizjuri u l-partijiet għamlu s-sottomissjonijiet tagħhom. Jgħid li d-dewmien biex tingħata s-sentenza kien ta' benefiċċju għall-appellanti li baqgħu jgawdu flus li altrimenti kellhom jingħataw bħala kumpens lilu biex issir ġustizzja miegħu wara l-grieħi sofferti minnu fl-1998.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

27. Il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa ġustifikat. Ġaladarba l-attur ma talabx ammont speċifiku fiċ-ċitazzjoni tiegħu l-imgħax għandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza in vista tal-prinċipju *in liquidandis non fit mora.* Dan partikolarment ikkonsidrat li meta ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni mill-attur ma seta' kien hemm l-ebda ħjiel taċ-ċifri nvoluti peress li l-attur

ma ressaq l-ebda prova flimkien maċ-ċitazzjoni li setgħu jispjegaw l-estent tad-danni li kien qiegħed jippretendi.[2]

28. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi milqugħ.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tiċħad l-ewwel u t-tielet aggravju, tilqa' l-bqija tal-appell tal-konvenuti u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi tordna lill-appellanti jħallsu lill-appellat is-somma ta' elf u tmenin ewro (€1,080) minflok is-somma ta' sebat elef u tmien ewro (€7,080) akkordata mill-Ewwel Qorti, bl-imgħax dekorribbli mid-data tas-sentenza appellata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu in kwantu għal 50% mill-konvenuti u in kwantu għal 50% mill-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr

[2] Ara per eżempju: **Anthony Turner et v. Francis Agius et** (Appell, 28/11/2003).